MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 70

31 ta' Jannar 2017

Minuti tas-seduta Nru. 70 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2017 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

### KONDOLJANZI

Fil-bidu tas-seduta, il-Kunsillier J. Attard rringrazzja lil kull min wera simpatija miegħu u mal-familja tiegħu, u attenda l-funeral ta' missieru Charles.

### KONGRATULAZZJONI

Il-Kunsill feraħ lill-Viċi Sindku C. Bartolo li fl-24 ta' Jannar 2017 sar missier għat-tieni darba.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.4 **(Ref: P/10/25)** u talab li din tinqara kif ġej:

"2.10.4. Il-Kunsillier E. Bartolo lmenta mill-kuntrattur inkarigat mill-akkomodazzjoni u l-ikel tad-delegati billi dan naqas li jibgħat rappreżentant tiegħu sabiex jilqa' lid-delegati mal-wasla tagħhom fil-Paradise Bay Hotel. Huwa appella sabiex isir ilment f'dan ir-rigward. Is-Sur E. Bartolo aċċenna wkoll għall-kontribut tas-Sindku tal-Imdina s-Sur Peter Dei Conti Sant Manduca, li offra l-biljetti tad-dħul għall-wirja *Knights of Malta*, li kienu jinvolvu spiża ta' €234.

2.10.2. Il-Kunsillier J. Attard irrimarka li għalkemm fiż-żjara tal-Imdina kien hemm ġwida professjonali, f'tali okkażjonijiet għandu jkun hemm servizz simili sabiex jiġi spjegat s-sinifikat tal-postijiet li jkun hemm tul il-vjaġġ kollu.".

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 69, li saret fl-10 ta' Jannar 2017, ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq. Kien hemm qbil li l-minuti kif emendati għandhom jiġu ippubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li kien hemm rispons pożittiv wara l-konferenza stampa li saret fejn it-Torri l-Abjad fl-14 ta' Jannar 2017 wara li ngħatat prominenza fuq il-mezzi tax-xandir u l-ġurnali. Is-Sur J. Buttigieg qal li s-Soċjetà Din l-Art Ħelwa kisbet għotja ta' €10,000 mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, sabiex inaddfu r-ridott ta' madwar it-Torri.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.11.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fis-16 ta' Jannar 2017 saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-klabbs li jieħdu sehem fil-kompetizzjoni msemmija. Kien hemm qbil li r-rebbieħa ma jibqgħux jingħataw trofej, iżda jiġu ppreżentati kupuni li jissarfu fi stabbilimenti u jkunu tal-valuri li jidhru hawn taħt:

| Kompetizzjoni | Valur tal-Kupun |
|---|---|
| Individwali – L-Ewwel Post | €200 |
| Individwali – It-Tieni Post | €100 |
| Individwali – It-Tielet Post | €50 |
| *Doubles* – L-Ewwel Post | €100 kull wieħed |
| *Doubles* – It-Tieni Post | €50 kull wieħed |

2.2.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li l-kompetizzjoni ser tibda fit-tieni ġimgħa ta' Frar 2017. Kien miftiehem ukoll li finali ssir fis-sede ta' wieħed mill-kompetituri li dakinhar ikun mistenni jagħti bibità tal-okkażjoni għas-spejjeż.

2.2.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa fil-minuta 2.2.2.

### 2.3.1. Regolamenti – Konkors Innu tal-Mellieħa (K/2/10)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.12.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li wara l-laqgha ta' informazzjoni li saret fit-12 ta' Jannar 2017 kien hemm evalwazzjoni tal-punti mqajma, u ġie propost tibdil fir-regolamenti tal-konkors. Huwa fakkar li permezz tal-imejl it-test rivedut ġie mgħoddi lil kull Kunsillier. Dan essenzjalment kien jinvolvi li:

- Il-kompożizzjonijiet mużikali jiġu sottomessi b'arranġament għall-pjanu biss;
- Ir-rebbieħ ikun mistenni minnu li jipprovdi, għas-spejjeż tiegħu, l-arranġamenti sabiex l-innu jindaqq minn banda u orkestra;
- Il-kompożitur li jitqabbad mill-konkorrenti biex jagħmel l-arranġamenti mużikali ma' jingħatax għarfien fuq il-livell li jingħata l-awtur u kompożitur; u
- Il-premju żdied minn €1,000 għal €1,500.

2.3.3. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li sabiex il-proċess ma jieqafx, it-test tar-regolamenti riveduti, flimkien mal-proċedura tal-*envelopes* li ser tiġi addottata nġiebu għall-attenzjoni tal-membri kollha tal-Kunsill sabiex jagħtu l-opinjonijiet tagħhom.

2.3.4. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu għat-tibdil li sar skont il-minuta 2.3.3.

### 2.4.1. Titjib fid-dwal tat-toroq (P/4/3/Vol IV)(E/1/3/Vol IV)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.14.2 tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa fuq il-post mal-Ing. R. Curmi fil-Manikata, f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa, u fi Triq Ġorġ Bog Olivier. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-Ing. Curmi ser ikun jista' irressaq il-proposti tiegħu għat-tliet postijiet fl-laqgħa mal-Kunsill fit-9 ta' Frar 2016.

2.4.3. Il-Kunsill ħa nota ta' dan l-appuntament.

### 2.5.1. *Resurfacing* ta' Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/13/Vol XII)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.14.2. tas-seduta ta' qabel u ippropona li x-xogħol imsemmi jsir f'Ottubru u Novembru 2017 sabiex ma jaħbatx mal-istaġun tat-turisti. Minkejja dan, is-Sur J. Buttigieg qal li apparti l-laqgħa ta' kordinazzjoni mal-entitajiet li għandhom is-servizzi fil-parti affettwata, huwa importanti li n-negozji kollha, inkluż il-lukandi jkunu infurmati bil-pjanijiet tal-Kunsill.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem mis-Sindku.

### 2.6.1. Żjara fiċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tal-Enemalta plc (E/1/Vol III)

2.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u ikkummenta li kienu interessanti ħafna l-ispjegazzjonijiet mogħtija waqt iż-żjara. Dawn kienu dwar il-makkinarju li ġie installat, kif ukoll il-pjanijiet tal-Enemalta għax-xhur li ġejjin. Kompla jgħid li l-Enemalta ser tikkummissjona t-tħaffir ta' trinka bejn iċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni tal-Mellieħa u dak li hemm fi Triq ir-Ramla ta' Bir, liema proġett huwa intenzjonali sabiex jiġu mneħħija l-arbli li magħhom hemm il-*cables* tal-*high tension*. Dan il-proġett mistenni li jkun lest sa Diċembru 2017.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Miżura 4.4. – Fond Aġrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/27)

2.7.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.8.1. tas-seduta ta' qabel u ippropona li għandu jintalab l-appoġġ ta' Transport Malta sabiex jiġu restawrati l-ħitan tas-sejjieħ li hemm fuq naħa waħda fit-Telgħa ta' Selmun. Dan peress li t-Telgħa ta' Selmun tifforma parti mit-toroq arterjali.

2.7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta, kif ukoll li għandha tinkiseb l-għajnuna tal-MEUSAC fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 27/01/17;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/12/16 – 25/01/17;
- Skeda ta' Pagamenti – 07/01/17 – 27/01/17;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Rapport ta' Intervista – Impjieg ta' Assistent Uffiċjal Prinċipali – 20/01/17;
- Abbozz ta' Fteheim dwar l-Użu ta' Binja fil-Park tal-Majjistral; u
- Abbozz ta' Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar l-Manutenzjoni u Installazzjoni ta' Dwal fit-Toroq.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Pjanijiet tal-Mellieħa Holiday Centre fl-Għadira (P/5/8/G)

4.1.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-20 ta' Diċembru 2016 saret laqgħa mas-Sinjuri Martin Ebmark u Ryan Muscat – il-Kap Eżekuttiv u l-Kontrollur Finanzjarju tal-istabbiliment imsemmi - fejn dawn spjegaw il-pjanijiet tagħhom dwar l-użu tal-art konċessa lilhom mill-Gvern. Huma għarrfu lill-Kunsill li beħsiebhom jagħmlu latrini, kċina u kjosk taħt il-bankina u Triq il-Marfa, flimkien ma'

imwejjed u siġġijiet bejn l-istess triq u l-passaġġ bir-riġel fuq in-naħa tal-baħar. Is-Sindku qal li flimkien miegħu attenda is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, illi ġibdu l-attenzjoni li f'dik il-parti tal-bajja hemm il-bankijiet tal-*barbecues* illi poġġa l-Kunsill xi snin ilu. Min-naħa tiegħu s-Sur Ebmark qal li dawn il-bankijiet b'xi mod jistgħu jiġu integrati fil-pjanijiet li għandhom.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju għall-introduzzjoni ta' pjattaformi temporanji, skont kif muri fid-*Drawing No.* 002 (Rev. 2), sakemm il-pjanti li eventwalment jridu jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar ikunu jinkludu wkoll l-imwejjed eżistenti li jintużaw mill-pubbliku għall-*barbecues*.

**4.2.1. Inċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 27 ta' Jannar 2017, mibgħuta mill-Avv. Ian Stafrace, f'isem il-klijenti tiegħu Josianne u Joseph Dimech, li fid-29 ta' Awwissu 2014, hija flimkien mat-tliet uliedha waqgħet bil-vettura tagħha - LAG 091 – waqgħet diversi metri fir-raba li hemm biswit Triq il-Manikata. Il-Kunsill ġie mfakkar li t-talba oriġinali tat-12 ta' Lulju 2016 ġiet imwieġba mill-konsulent legali tal-Kunsill. Permezz tal-imejl imsemmi, intalbet laqgħa mal-Kunsill.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab il-parir tal-konsulent legali.

**4.3.1. Puġġaman fi Triq l-Isqof Pace (P/5/8/2)**

4.3.2. Saret referenza għal ittra datat 20 ta' Jannar 2017, fejn is-Sur Michael Mifsud talab sabiex ineħħi puġġaman u balavosti mal-ġenb tat-taraġ li jagħti għall-fond tiegħu f'Nru. 1, Triq l-Isqof Pace, biex minfloku jagħmel qsari.

4.3.3. Il-Kunsill talab li tingħata pjanta jew skizz li jindika aħjar il-proposta.

**4.4.1. *Full Moon Party* (A/6/3/2/Vol 65)**

4.4.2. Saret referenza għall-imejl datat 16 ta' Jannar 2017 mibghut minn Glam Life Events fejn intalab permess sabiex jiġu organizzati serje' ta' attivitajiet f'Paradise Bay, fl-Armier u l-Bajja tal-Mixquqa bejn l-2017 u l-2019. L-attendenza għalihom mistennija li tkun bejn 500 u 1,000.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tintlaqa' minħabba s-sensitività tal-postijiet proposti.

**4.5.1. Armar ta' ċinema fil-Bajja tal-Għadira (A/6/3/2/Vol 65)**

4.5.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Jannar 2017, mibgħuta minn 5 Elements Systems fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex jarmaw ċinema fil-Bajja tal-Għadira fit-13 ta' Lulju 2017. Dan sabiex jintwerew films għall-pubbliku, mingħajr ħlas, bejn it-8.00pm u l-11.00pm. Qed jiġi propost ukoll sabiex fl-istess attività, il-pubbliku jkollu l-opportunità li jixtri ikel u xorb.

4.5.3. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa ma' l-organizzaturi fil-21 ta' Frar 2017 sabiex jinkiseb aktar tagħrif.

**4.6.1. PA 1993/16 – Estensjoni tar-Riviera Resort Hotel (P/5/8/S)**

4.6.2. Is-Sindku ta tagħrif li ħareġ mil-laqgħa informali li ssejħet mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar is-suġġett t'hawn fuq, li dwarha ser tkun qegħda tittieħed deċiżjoni fit-2 ta' Frar 2017.

4.6.3. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-applikazzjoni PA 1993/16 tinvolvi tibdil fil-permess PA 2473/14, li nħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Mejju 2015 u jkopri alterazzjonijiet meħtieġa fir-raba' u l-ħames sular bil-għan li jiżiedu 53 kamra oħra. Din iż-żieda hija proposta li ssir fuq l-istess *building envelope* li diġa huwa approvat.

4.6.4. Mil-laqgħa msemmija rriżulta li l-Bord qiegħed jirrakkomanda li l-applikazzjoni tiġi milqugħa u jkun hemm kontribut ta' €19,800 mill-iżviluppatur, li jmur fil-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*).

4.6.5. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jivvota favur din l-applikazzjoni.

**5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal**

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 27 ta' Jannar 2017.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' infieq permezz tal-*Petty Cash* li sar bejn l-20 ta' Diċembru u l-25 ta' Jannar 2017

6.3. Ġiet ippreżentata wkoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-7 u s-27 ta' Jannar 2017.

6.4. Is-Segretarju rrefera għall-pagament 020-01-17 (**Ref: L/3/Vol III**) mitlub mill-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd fir-rigward is-servizz tal-latrini pubbliċi għall-perjodu Ottubru-Diċembru 2016. Kif kien infurmat il-Kunsill fis-Seduta Nru. 63 tat-12 ta' Settembru 2016, permezz ta' imejl datat 12 ta' Settembru 2016, mibgħut minn Absolute Cleaners Ltd, dawn infurmaw lill-Kunsill illi mhumiex lesti li jkomplu jipprovdi s-servizz imsemmi bir-rati li ngħataw erba' snin qabel. Absolute Cleaners Ltd infurmaw li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2016 kienu se jibdew japplikaw żieda ta' 20%.

6.5. Is-Sur C. Debono fakkar li kien sar mandat ta' inibizzjoni fil-Qorti sabiex il-Kunsill ma joħroġx sejħa ġdida għall-offerti, filwaqt li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali baqa' ma tax soluzzjoni sabiex is-servizz ikun jista' jibqa' jingħata skont kif mitlub statutorjament fl-Artiklu 33 tal-Att dwar Kunsilli.

6.6. Fid-dawl tas-sitwazzjoni deskritta fil-minuti 6.4. u 6.5. aktar 'il fuq, il-Kunsill approva l-ħlas mitlub minn Absolute Cleaners Ltd bl-awment mitlub għaliex m'għandu ebda alternattiva oħra.

6.7. Il-Kunsill approva wkoll il-pagamenti l-oħra inklużi fiż-żewġ skedi.

6.8. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ippubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' *Contracts Management* u Servizzi Anċillari skada u għalhekk saret sejħa għall-offerti (MLC 10/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapport finali mressaq fis-Seduta 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2017 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;**

**Jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mis-Sotto-Kumitat ta' Evalwazzjoni u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u sussegwentement jiġi iffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Daniel Cordina, għal perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Frar 2017, bir-rati ikkwotati fid-dokument tal-offerta relattiv.". (K/6/5/2)**

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għab-bażi tad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta preċedenti nħarġet notifika lill-Perit Cordina fejn ġie mgħarraf bl-intenzjoni li l-kuntratt jingħata lilu. Inħarġet notifika oħra lill-Perit Joseph Attard fejn ġie notifikat li għalkemm l-offerta tiegħu kienet konformi mil-lat amministrattiv u tekniku, din ġiet rifjutata għab-bażi tal-prezz. Permezz ta' ittra ippreżentata fil-25 ta' Jannar 2017 mill-Avv. Josette Sultana, l-Perit Attard appella minn din id-deċiżjoni.

7.3. Is-Segretarju għarraf li l-Bord għar-Reviżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi ġie nfurmat u tħejjiet ittra ta' tweġiba li ġiet mgħoddija flimkien mal-*file* relattiv lill-istess bord. It-talba ser tiġi ikkunsidrata mill-Bord fis-7 ta' Frar 2017

7.4. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo, iżda l-implementazzjoni tagħha tkun soġġetta għad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo, illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 11/2016) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-rapport finali mressaq fis-Seduta 69 tal-10 ta' Jannar 2017; u**

**Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2017, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mas-Sur Alexander Fenech illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Frar 2017, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (T/4/6/Vol IV)**

8.2. Minħabba arranġamenti amministrattivi li jridu jsiru, is-Sindku ressaq emenda sabiex l-aħħar paragrafu tal-mozzjoni jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mas-Sur Alexander Fenech illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' tlett snin, b'effett mill-1 ta' Marzu 2017, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.".*

8.3. Il-mozzjoni kif emendata għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera A. Brincat Stellini illi tgħid:**

**"Billi s-Sur Stephen Borg, bħala uffiċjal fis-Servizz Ċivili li kien issekondat mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, applika sabiex jieħu *leave* fit-tul u għalhekk mhux ser ikun f'pożizzjoni li jkompli jirrendi s-servizzi tiegħu;**

**Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;**

**Billi permezz ta' imejl datat 9 ta' Diċembru 2016, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali awtorizza l-inġaġġ ta' Assistant Uffiċjal Principali Skala 11 *full-time*, għab-bażi tal-popolazzjoni tal-lokalità, skont il-proċedura stabbilita, l-ewwel permezz ta' sejħa interna fost il-Kunsilli Lokali kollha, liema sejħa ma kienx hemm rispons għaliha;**

**Billi Jobsplus intalbu jgħaddu lista ta' persuni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) u l-*job description* marbuta mal-esiġenzi tal-Kunsill, liema persuni ġew intervistati mill-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 69 tal-10 ta' Jannar 2017;**

**Billi l-Bord tal-Għażla, fir-rapport tiegħu tal-20 ta' Jannar 2017, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjura Doriette Fenech Gambin (I.D. 512283M), wara li saru l-intervisti kollha;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mas-Sinjura Fenech Gambin b'effett mill-1 ta' Frar 2017.". (P/7/1/Vol VIII)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

**10.1. Ftehim ta' Koperazzjoni Reġjonali dwar Installazzjoni u Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2)**

10.2. Is-Segretarju għarraf li l-abbozz tal-ftehim imsemmi ġie approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, filwaqt li sar tibdil minn dak preċedenti, li kien sar fl-2004. Dan essenzjalment jipprovdi li:

- Il-ftehim ma jibqax fis-seħħ hekk kif tidħol fis-seħħ it-tieni fażi tad-devoluzzjoni li tinvolvi lampi mwaħħla fuq l-arbli li kienu saru mill-Enemalta;

- Li kull Kunsill ser jibqa' responsabbli għall-ħlas tax-xogħol li jiġi ordnat minnu fil-lokalità rispettiva;

- Ir-Reġjun ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-*Contract Manager*;

- Il-ħlas marbut mal-i*Street Lighting Reporting System (SLRS)* irid isir mill-Kunsilli Lokali msieħba u jkun ugwali għal kullħadd - €750 fis-sena.

10.3. Il-Viċi-Sindku C. Bartolo ikkummenta li għalkemm l-abbozz tal-ftehim jgħid li l-Kumitat Konġunt ser jidħol għall-ħlas tal-*Contract Manager*, mhux ċar biżżejjed jekk l-istess Kumitat huwiex ser ikun f'pożizzjoni li jonora din il-klawsola, billi mhux magħruf li dan jirċievi allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għal dan il-għan. Is-Sur C. Bartolo staqsa x'jiġri mis-servizz, kemm-il darba l-Kumitat Reġjonali ma' ikunx f'pożizzjoni li jħallas il-kontijiet tal-*Contract Manager*.

10.4. Is-Segretarju fakkar li bil-ftehim ta' koperazzjoni preċedenti li sar mill-Kumitat Konġunt, il-ħlas tal-*Contract Manager* kien imqassam skont in-numru ta' lampi eżistenti f'kull lokalità. Li huwa fiċ-ċert huwa li l-Kumitat Konġunt ma rċieva ebda flus minn tal-LESA.

10.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li bil-ftehim propost, il-Kunsilli qed jintalbu jħallsu għal-liċenzja tal-*SLRS*. Huwa qal li l-Kumitat Konġunt ser jirċievi allokazzjoni speċifikament biex jaqdi l-funzjoni tiegħu b'rabta mad-dwal tat-toroq.

10.6. Wara li l-Kunsill ra t-test tal-ftehim, kien hemm qbil li għandha tintalab kjarifika mingħand il-Kumitat Regjonali, bil-għan illi jiġi speċifikat is-sors ta' finanzjament li ser jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-*Contract Management*. Dan billi r-Regolamenti dwar il-Kumitati Reġjonali (L.S.363.160), ir-Reġjun jirċievi fondi mill-Gvern Ċentrali biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu u jamministra d-dħul mis-sistema ta' l-infurzar lokali, li finalment jappartjenu lill-Kunsill Lokali msieħba.

## 11.1. Ftehim dwar Servizz ta' Ġbir ta' Skart Riċiklabbli 2017-18 (K/6/11)

11.2. Is-Segretarju ta lista tar-rekwiżiti kollha mitluba mill-Kunsill, li tindika liema minnhom ser jintlaħqu flimkien ma' oħrajn addizzjonali offruti minn Green MT Ltd:

| | **Servizz mitlub / offrut** | **X'ġie offrut minn Green MT Ltd** | **Offruti addizzjonali minn Green MT Ltd** |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġbir ta' skart riċiklabbi bieb-bieb kull nhar ta' Tlieta u Ħamis. | ✓ | |
| 2. | Ġbir tal-ħġieġ l-ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xahar (Nota: Green MT Ltd mhux lesti li jagħmlu l-ġabra ġimgħa iva u ġimgħa le) | ✓ | |
| 3. | Tqassim ta' bins fil-barijiet u r-ristoranti għall-ġbir tal-ħġieġ | ✓ | |
| 4. | Ġbir ta' skart riċiklabbli mill-bajjiet tal-Għadira u tal-Mixquqa skont ir-rekwiżiti tal-Blue Flag | ✓ | |
| 5. | Tbattil tal-*bring-in sites* fiż-żoni kollha tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax u fil-*caravan site* tal-Għadira | ✓ | |
| 6. | Ġbir bieb-bieb ta' skart riċiklabbli fil-Caravan Site tal-Għadira kull nhar ta' Tlieta bejn Ġunju u Settembru biss | ✓ | |
| 7. | Tbattil matul is-sena kollha tal-*bring-in sites* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u fix-Xatt ta' Santa Marija | ✓ | |
| 8. | Ġbir ta' skart elettroniku (WEEE) minn reċipjenti f'ċerti postijiet | Taħt ftehim ieħor ma' kumpanija oħra tal-GRTU | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 9. | Ġbir ta' ħwejjeġ u żraben użati kif miftiehem mal-Kunsill | ✓ | |
| 10. | Inċentivi fiskali intiżi biex iħajru lir-residenti jisseparaw l-iskart | ✓ | |
| 11. | Żjarat fid-djar minn Eco Councillors biex jedukaw lir-residenti | | ✓ |
| 12. | Tqassim ta' fuljetti informattivi dwar is-separazzjoni tal-iskart | | ✓ |
| 13. | Statistika dwar l-iskart li jinġabar kull tliet xhur | | ✓ |
| 14. | Kontribut finanzjarju għall-*magazines* u l-programm tal-festa | | ✓ |
| 15. | Kontribut ta' €500 fis-sena sabiex jiġi organizzat Jum ir-Riċiklaġġ tal-Iskart | | ✓ |
| 16. | Kontribut finanzjarju għall-kalendarju dwar il-ġbir tal-iskart minn Green MT Ltd. | | ✓ |

11.3. Wara kumment li sar mill-Kunsillier E. Bartolo, fir-rigward tar-rekwiżit Nru. 2, is-Segretarju spjega li għalkemm min-naħa tal-Kunsill it-talba kienet li l-ġbir tal-ħġieġ ikun ġimgħa iva u ġimgħa le, Green MT Ltd offrew li dan is-servizzi jkun fl-ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xaħar, iżda ma taw ebda raġuni għal dan.

11.4. Is-Sur E. Bartolo qal li ma kien hemm ebda rekwiżit dwar il-ġbir tal-*packaging waste* iġġenerat minn stabbilimenti kummerċjali.

11.5. Is-Segretarju ikkummenta li attwalment ma jeżistix servizz speċifikament għall-istabbilimenti kummerċjali, iżda li dak li jinħareġ nhar ta' Tlieta u Ħamis qed jinġabar kollu.

11.6. Dwar l-offerta Nru. 14, il-Viċi Sindku C. Bartolo ippropona li minflok kontribut finanzjarju għall-magazin dawn imorru minflok biex jiżdiedu l-inċentivi fiskali intiżi biex iħajru lir-residenti jisseparaw l-iskart.

11.7. Is-Sindku ikkummenta li fis-sentejn illi għaddew is-servizz mogħti kien tajjeb ħafna u baqa jiġi mtejjeb bil-bdil tal-kuntrattur li jiġbor l-iskart, kif ukoll permezz ta' spetturi li regolarment jirrappurtaw fejn ikun hemm abbużi mill-*bring-in sites* u f'ċerti każi anke avviċinaw lil min kien responsabbli. Apparti dan, in-numru ta' boroż ġriżi li tqassmu kien wieħed kbir.

11.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir laqgħa mad-diriġenti ta' Green MT Ltd bil-għan li jiġu diskussi l-punti mressqa fil-minuti 11.3 u l-11.6.

## 12.1. Bini devolut lill-Kunsill fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)

12.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 14.1. tas-Seduta Nru. 67 tal-21 ta' Novembru 2016 fejn il-Kunsill kien approva fil-prinċipju li jikkonċedi l-użu tal-binja li tifforma parti mill-kamp tal-militar f'Għajn Tuffieħa, sabiex tintuża mill-Parroċċa tal-Manikata bħala maħżen. Is-Sur C. Debono qal li b'konsultazzjoni mal-konsulent legali tal-Kunsill tfassal l-abbozz mqassam qabel din is-seduta. Huwa spjega li essenjalment l-abbozz jipprovdi għal:

I. Trasferiment u assenjazzjoni b'titolu ta' kommodat (self għall-użu);

II. Il-kommodat qiegħed isir għal żmien sena;

III. Il-fond għandu jintuża mill-Parroċċa tal-Manikata għall-skopijiet ta' ħażna tal-armar tal-festa biss;

IV. Il-Kunsill mhux qed jiggarantixxi illi l-fond huwa adattat għall-iskop li għaliħ għandha bżonnu l-Parroċċa tal-Manikata;

V. Il-komodatarju jintrabat illi jassigura l-fond;

VI. Il-binja ma fiha ebda servizz; u

VII. Il-Parroċċa tal-Manikata tkun responsabbli għat-tiswijiet kollha tal-fond, kemm dawk ordinarji kif ukoll straordinarji.

12.3. Il-Viċi-Sindku C. Bartolo qal li huwa importanti li l-binja tintuża biss għall-ħażna tal-armar tal-festa u mhux għal affarijiet oħra normalment assoċjati mal-festa, bħalma huwa x-xogħol tan-nar. Għaldaqstant huwa ippropona li l-klawola numru 2 tiġi emendata biex tinqara kif ġej:

*"2. Il-fond għandu jintuża mill-komodatarju għal skopijiet ta' ħażna tal-armar, u huwa ipprojbit kwalunkwe użu ieħor, inkluż dak kummerċjali u għall-ħażna ta'materjal pirotekniku.".*

12.4. Wara li l-Kunsill ra t-test tal-ftehim, approvaħ bit-tneħħija tal-punt VII u bl-emenda proposta skont il-minuta 12.3. hawn fuq.

**13.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)**

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ikkummentat li ż-żjara li saret fil-bini tal-Parlament fid-19 ta' Jannar 2017 kienet waħda interessanti għal kull min attenda, permezz tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mis-Sur Pierre Abela – uffiċjal fl-istess dipartiment. Hija appellat sabiex tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Iskrivan tal-Kamra.

13.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini ipproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss tkun fis-16 ta' Frar 2017, għall-wirja permanenti Explora f'Bigħi fil-Kalkara. Il-prezz ikun ta' €14.00 kull persuna li jinkludi d-dħul, it-trasport u l-waqfa għall-kafe`.

13.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa filwaqt li qabel ukoll li jsir avviż għar-residenti tal-Manikata.

**14.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-inizjattiva msemmija hawn fuq, li qed tittieħed mill-Kunsill bil-għajnuna ta' erba' voluntieri. Matul l-2016 ġew trattati 54 qattus u qattusa, li sittax minnhom tħallsu minn fondi tal-Kunsill u 38 permezz ta' kupuni li nkisbu mill-voluntiera bħala kumpens għal inizjattivi oħra li jidħlu għalihom. Is-Sinjura Brincat Stelini kompliet tgħid li l-voluntiera talbu li jingħataw karta tal-identità maħruġa mill-Kunsill sabiex jidentifikaw rwiehom mal-pubbliku.

14.3. Il-Kunsill innota tagħrif mogħti u approva l-ħruġ ta' karta ta' identifikazzjoni.

**15.1. Tmiem l-impjieg tas-Sur Stephen Borg (P/7/1/Vol XI)**

15.2. Il-Kunsillier J. Gauci ippropona li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament u jingħata rikonoxximent għas-servizz mogħti mis-Sur Stephen Borg, li temm l-impjieg tiegħu mas-Segretarjat tal-Kunsill fil-31 ta' Jannar 2017.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**16.1. Tiswija ta' trejqa fix-Xatt ta' Santa Marija (D/3/1/Vol V)**

16.2. Il-Kunsillier J. Gauci ġibed l-attenzjoni li t-triq illi tgħaqqad ix-Xatt ta' Santa Marija ma' Dawret it-Tunnara hija fi stat ħażin u tista' titjieb kemm-il darba l-ħofor li fiha jimtlew bil-konkos. Kompla

jgħid li minkejja din mħijiex triq skedata, hija l-unika ħolqa li tgħaqqad iż-żona ta‘ Santa Marija Estate ma‘ dik Tas-Sellum.

16.3. Il-Kunsill laqa’ il-proposta.

**17.1. Bankina fi Triq l-Etna k/m Triq il-Kbira (D/3/1/Vol V)**

17.2. Is-Sindku qal li saritlu proposta sabiex tidjieq il-bankina li tinsab fil-post imsemmi bil-għan li jkun jista’ isir aktar ipparkjar ta’ vetturi.

17.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li din it-talba tista’ tintlaqgħa sakemm titħalla *buildout* sa 3 metri bogħod mill-kantuniera ma’ Triq il-Kbira.

**18.1. Skema Rrestawra Darek (R/2/Vol II)**

18.2. Is-Sindku aċċenna għall-iskema msemmija hawn fuq li qed titħaddem mill-Awtorità tal-Ippjanar, li permezz tagħha sid li jkun xtara r-residenza tiegħu għall-ewwel darba jkun jista’ jibbenefika sa massimu ta’ €100,000 kemm-il darba l-proprjetà tkun skedata fi Grad 1 jew 2. Fil-każ ta’ djar antiki iżda mhux skedati li jinsabu fiż-żona ta’ konservazzjoni urbana, jistgħu jibbenefikaw sa’ €10,000. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-Awtorità qed tħeġġeġ lill-applikanti sabiex iqabbdu nies li għandhom esperjenza fir-restawr u mdorrijin jaħdmu taħt is-superviżjoni ta’ l-uffiċjali tagħha.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta’ Frar 2017 fis-6.00pm.

Joħn Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**